MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2014

Numru 6/2013

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Anthony Cachia**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu appell minn deċiżjoni tal-Qorti Kriminali mogħtija minn dik il-Qorti fl-4 ta' Ottubru 2013 dwar l-eċċezzjonijiet preliminari ta' l-akkużat u ta' l-Avukat Ġenerali. L-akkużat appella minn dik is-sentenza b'rikors intavolat fit-8 ta' Ottubru 2013.

**2.** Anthony Cachia kien akkużat, permezz ta' Att ta' Akkuża pprezentat mill-Avukat Generali fl-1 ta' Marzu 2013 (nru 6/2013) li: (1) fil-15 ta' April 2006, għall-ħabta tas-sitta neqsin kwart ta' filgħaxija (17.45 hrs), waqt li kien fl-għelieqi tiegħu u/jew ta' ħuh Joseph Cachia u/jew fl-akkwati tal-istess, u liema għelieqi jinsabu fil-limiti tal-konfini bejn Ħal-Safi u ż-Żurrieq, irrenda ruħu ħati ta' tentattiv ta' omiċidju volontarju u ċioe` talli dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna (f'dan il-każ lil ħuh Joseph Cachia), jew li jqiegħed il-ħajja tal-istess persuna f'perikolu ċar wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta' bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta` tiegħu; (2) fil-15 ta' April 2006, għall-ħabta tas-sitta neqsin kwart ta' filgħaxija (17.45 hrs), fil-limiti tal-konfini bejn Ħal-Safi u ż-Żurrieq irrenda ruħu ħati talli fil-ħin li kien qiegħed jagħmel delitt kontra l-persuna (barra minn omiċidju involontarju jew offiża fuq il-persuna involontarja) kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari u dan mhux għal xi għan leġittimu.

**3.** Fir-rikors ta' appell tiegħu l-appellant talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha f'dik il-parti fejn ma laqgħetx r-raba' eċċezzjoni u minflok tilqa' din l-eċċezzjoni bil-mod spjegat minnu fir-rikors ta' appell u tikkonferma s-sentenza fil-bqija.

**4.** Permezz tan-nota ta' eċċezzjonijiet tieghu tal-11 ta' April 2013, Allan Galea eċċepixxa fir-raba' eċċezzjoni tiegħu:

"L-inammissibilita` tar-relazzjoni ta' l-esperti Brigadier Maurcie Calleja u PS 154 Jesmond Cassar in kwantu ġiet redatta kolleġġjalment u l-imsemmi PS 154 Jesmond Cassar qatt ma ġie nominat bħala espert ballistiku iżda biss bħala espert tal-GSR".

**5.** Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti qalet hekk dwar din l-eċċezzjoni:

"**Ir-raba' eċċezzjoni: l-inammissibilita` tar-relazzjoni tal-esperti Brigadier Maurice Calleja u PS 154 Jesmond Cassar.**

"It-teżi tad-difiża hija li l-ballistika u l-GSR m'għandhomx x'jaqsmu ma' xulxin. Għalhekk ma jistax ikun li espert jirrelata ma' espert ieħor ġaladarba x-xjenzi huma daqshekk distinti.

"Il-Prosekuzzjoni ssottomettiet li dawn ix-xjenzi jimxu flimkien. L-analiżi tal-ballistika ssir mill-espert maħtur għal dan il-għan waqt li l-elevazzjoni tal-GSR issir minn espert ieħor.

"Il-Qorti eżaminat il-proċess u rat li n-nomini kienu speċifiċi. Eżaminat l-artikolu 650 tal-Kap 9 li tgħid sempliċiment li l-esperti għandhom jikkonfermaw ir-rapport tagħhom bil-ġurament.

"Fil-fehma tal-Qorti għalkemm il-ballistika u l-elevazzjoni tal-GSR huma xjenzi differenti, ma jfissirx li dawn ma jimxux flimkien għaliex minkejja d-differenzi ta' bejniethom huma wkoll relatati.

"Ma jirriżulta minn imkien mil-Liġi li hemm xi nullita` jekk l-esperti jaħdmu kolleġġjalment jew jikkonfermaw ir-relazzjoni flimkien.

> "Lanqas ma kien hemmm indikat lill-Qorti xi preġudizzju, ta' kwalunkwe xorta, li jista' jsofri l-akkużat minħabba li r-rapport kien redatt kolleġġjalment.
>
> "Fil-fehma tal-Qorti ma jistgħux jinħolqu 'inammissibilitajiet' jekk il-liġi jew il-każistika ma tkunx indikat talli inammissibilita`.
>
> "Għaldaqstant il-Qorti mhix qed tilqa r-raba' eċċezzjoni."

**6.** L-appellant appella minn din is-sentenza in kwantu ċaħdet ir-raba' eċċezzjoni kategorikament u sostna illi l-ewwel Qorti kellha ssegwi l-kawteli adottati minn din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Marco Pace** tat-3 ta' Ottubru 2013 fejn, fuq eċċezzjoni simili iżda mhux identika, ġie deċiż li l-espert li kien irrelata flimkien mal-Brigadier Maurice Calleja (f'dak il-każ P.S. 560 Joseph Farrugia) ma setax imur oltre n-nomina tiegħu ta' *scene of the crime officer*. Għalhekk, l-appellant isostni li fil-każ in diżamina P.S. 154 Jesmond Cassar għandu jillimita x-xiehda tiegħu għall-branka li fiha ġie nominat.

**7.** Din il-Qorti tosserva fl-ewwel lok illi hija taqbel ma' l-ewwel Qorti illi ma teżisti l-ebda nullita` fejn esperti jaħdmu kolleġġjalment u jirrediġu relazzjoni kolleġġjalment. Taqbel ukoll mad-deċiżjoni ta' l-ewwel Qorti illi r-relazzjoni in kwistjoni mhijiex nulla u għalhekk hija ammissibbli. Fejn ma taqbilx huwa rigward ir-rwol ta' P.S. 154 Jesmond Cassar.

**8.** Mill-atti ta' l-*in genere* jirriżulta (a fol. 44 ta' l-atti ta' l-Istruttorja) illi b'digriet tal-Maġistrat Inkwirenti tal-15 ta' April 2006, P.S. 154 Jesmond Cassar ġie nominat bħala espert tal-GSR (*gunshot residue*). Fid-digriet tan-nomina tiegħu dan l-espert ġie ndikat hekk: "PS 154 J Cassar (GSR)". [Stranament fil-*proces-verbal* ġie ndikat hekk: "PS 154 Cassar, bħala GSR" (*sic!*)(sottolinear ta' din il-Qorti)] Mela n-nomina ta' P.S. 154 Jesmond Cassar, nonostante l-pawċita` ta'

kliem, kienet waħda speċifika, u cioe` bħala espert sabiex jagħmel xogħol relatat mal-*gunshot residue*. Nonostante cio`, mir-relazzjoni ppreżentata minnu u l-Brigadier Maurice Calleja fit-3 ta' Ottubru 2011 jirriżulta illi x-xogħol illi huwa għamel kien relatat ma' dak ta' espert ballistiku u ma għamel xejn xogħol konness ma' *gunshot residue*.

**9.** L-artikolu 548 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi: "Fl-aċċess għandhom jinġiebu l-periti li jinħtieġu". U l-artikolu 650(5) – reż applikabbli bl-imsemmi artikolu 548) – jipprovdi: "Il-qorti, kull meta jkun hemm bżonn, tagħti lill-periti d-direzzjonijiet meħtieġa u ż-żmien li fih għandhom jagħmlu r-rapport tagħhom."

**10.** Fil-każ odjern, P.S. 154 Jesmond Cassar ingħata d-direzzjoni li jagħmel ix-xogħol relatat ma' *gunshot residue*. Dan m'għamlux. Kwindi ma jistax jitqies bħala espert nominat mill-Maġistrat Inkwirenti għall-finijiet tar-relazzjoni msemmija. B'danakollu, ir-relazzjoni hi xorta waħda ammissibbli, iżda bħala relazzjoni tal-Brigadier Maurice Calleja. Kwantu għal P.S. 154 Jesmond Cassar, huwa ammissibbli bħala xhud ordinarju u għalhekk jista' jixhed liberament dwar il-konstatazzjonijiet kollha fattwali li huwa għamel f'dan il-każ.

**11.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi, filwaqt illi tikkonfermaha in kwantu sabet illi r-relazzjoni Dok MC (a fol 296 sa 308) hija ammissibbli, dan hu hekk salv dak li ntqal fil-paragrafu preċedenti. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.  Tordna li l-atti jintbagħtu lura lill-Qorti Kriminali sabiex din tipproċedi ulterjorment fil-konfront ta' l-akkużat Anthony Cachia.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------